MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 48/2005

Il-Pulizija
(Spt. J. Mifsud)

Vs
Victor Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Ottubru, 2000 u s-sena ta' qabel fin-Naxxar u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti :
1) kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija

u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament VIII tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2) bi hsieb li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' PC 1408 Christopher Agius, persuna nkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, billi saq vettura numru GAF 184 tal-marka Lada Samara fid-direzzjoni tal-persuna hawn fuq imsemmija;

3) fil-25 ta' Ottubru, 2000, gol-limiti tal-Mosta, ghal habta ta' l-11.50 hours, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1408 Christopher Agius skond ma ccertifika t-tabib Dr Marthese Ellul tal-Emergenza ta' l-isptar San Luqa;

4) fl-istess data, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat mis-servizz pubbliku, u ma halliex jew fixkel lil PC 1408 Christopher Agius waqt li kien qieghed jaghmel dmiru, bi ksur ta' l-artikolu 338 (ee) tal-Kodici Kriminali;

5) fl-istess data, lok u cirkostanzi saq vettura numru GAF 184 b'manjiera perikoluza, bi traskuragni w negligenti w bi speed eccessiv;

6) ikkommetta t-tali reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Magistrati ta' Malta, Awla 3, datata 8 ta' Marzu, 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2005, li biha, wara li rat Regulation 4 u 6 ta' l-Ordinanza dwar Medicina Perikoluza tal-Kap. 101 u Regulation 8 tal-Government Notice 292 ta' l-1939, kif emendat b'Kap. 101, l-Artikolu 216, 41, 221 u 338(ee) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap. 66, sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, r-raba' w l-hames akkuza, bit-tielet akkuza assorbita fit-tieni akkuza w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija izda ma sabitux hati tas-sitt akkuza w minnha lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell billi takkolji l-aggravji dwar in-nullita procedurali sollevati fir-rikors u tiddikjara s-sentenza appellata nulla, thassar u tirrevoka l-istess u a tenur tal-Artikolu 428 (1) tal-Kap. 9 tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti kompetenti sabiex il-kaz jigi trattat skond il-Ligi. Alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-istess f'dik il-parti fejn l-esponent gie ddikjarat hati tal-ewwel, ir-raba w l-hames imputazzjonijiet u fejn gie ddikjarat mhux hati tas-sitt imputazzjoni, u thassar u tirrevoka l-bqija taghha fejn l-esponent gie ddikjarat hati tat-tieni w it-tielet imputazzjonijiet, bit-tielet imputazzjoni assorbita fit-tieni wahda, u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah u konsegwenzjalment tvarja s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal perjodu ta' sentejn prigunerija w minflok tinfliggi piena aktar gusta w idoneja ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti , w cioe' :- 1. li l-procedura kollha kemm hi nkluz is-sentenza appellata huma nulli w bla effett in kwantu jikkoncernaw l-akkuzi migjuba fit-tieni, t-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt imputazzjoni, peress li l-Ewwel Qorti ma kientx kompetenti sabiex tiggudika l-kaz. Dan ghax fil-waqt li l-Avukat Generali kien ghamel ordni sabiex limitatament dwar l-ewwel imputazzjoni taht il-Kap.101 l-appellant jigi processat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, hu qatt ma kien ta l-

kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja  in kwantu kien jikkoncerna l-imputazzjonijiet rimanenti w senjatament it-tieni imputazzjoni li kienet l-unika wahda li tezorbita l-kompetenza originali tal-Ewwel Qorti. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha necessarjament tmexxi bil-procedura tal-kumpilazzjoni w dan ma sarx.  In vista ta' dan-nuqqas ovvjament lanqas hemm ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li seta' talvolta wassal biex il-Qorti tkun kompetenti. Illi mhux possibbli li wiehed jiddistakka l-procedura dwar l-ewwel imputazzjoni mill-kumplament ghax dan kien process wiehed u per konsegwenza l-procedura ghandha tigi dikjarata nulla *in toto*.   2. Illi s-sentenza appellata hija nulla peress li ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan ghaliex l-appellant gie ddikjarat hati tar-reati kontemplati taht l-artikolu 6 (b) tal-Kap.101, l-artikoli 216, 221 u 338 (ee) tal-Kap.9 u l-artikolu 15 tal-Kap.65, mentri l-artikli citati mill-Qorti fis-sentenza huma l-artikoli 4 u 6 tal-Kap.101, r-Regolament 8 tal-Avviz tal-Gvern 292 tal-1939 kif emendat bil-Kap. 101 , artikoli 216, 221 u 338 (ee)  tal-Kap. 9 u l-artikolu 15 tal-Kap.66. Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ccitat erronjament l-artikolu 4 tal-Kap.101 li jittratta dwar kultivazzjoni tal-oppju jew tal-pjanta tal-koka w l-artikolu 15 tal-Kap.66 [Ordinanza dwar l-Armi] li ma jikkontempla ebda forma ta' reat u wisq inqas xi reat addebitat lill-appellant fl-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Inoltre naqset milli ssemmi l-artikolu 15 tal-Kap.65 li jikkontempla r-reat dedott fil-hames imputazzjoni li tieghu ddikjaratu hati.   3. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta ddikjarat lill-appellant hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni peress illi mill-provi prodotti jidher manifestament mankanti l-element soggettiv tar-reat fil-mument tal-kommissjoni w dan ghax l-unika intenzjoni li kellu l-appellant meta saq il-vettura kien li jahrab minn fuq il-post u jevita li jinqabad mill-pulizija w mhux li jikkaguna hsara lill-istess ufficjal. Dan l-Ewwel Qorti qablet mieghu bhala fatt. Tant li kkowtotat awturi w gurisprudenza dwar *culpa* f' kazijiet ta' *manslaughte*r.F' kull kaz anki kieku kellha tinstab htija din setghet tkun biss wahda ta' ferita ta' natura hafifa w mhux ta' tentattiv ta' feriti gravi. U jekk dan kien kaz ta' *recklessness*, kif qiesitu l-Ewwel Qorti, tali ferita hafifa kienet wahda involontarja. 4. illi l-Ewwel Qorti

ghamlet “error juris” meta sabet lill-appellant hati tat-tieni w t-tielet imputazzjoni bl-assorbiment tat-tielet imputazzjoni fit-tieni wahda. Dan hu paradossali ghax wahda minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet necessarjament teskludi lill-ohra. La darba l-Ewwel Qorti sabet htija ta’ offiza ta’ natura hafifa fuq bniedem partikolari, ma setghetx fl-istess nifs issibu hati tat-tentattiv ta’ ferita gravi w ghalhekk l-appellant kellu jigi liberat minn din tal-ahhar. Din id-decizjoni tindika li l-Ewwel Qorti kellha dubju w dan id-dubju kellu jmur favur l-appellant. 5. Illi l-piena inflitta kienet wahda gravuza tenut kont tac-cirkostanzi meta l-kaz kien sehh sitt snin qabel is-sentenza w issa din il-piena ser isservi biss sabiex tfixkel il-progress kollu maghmul mill-appellant fil-frattemp.

Rat il-fedina penali aggornata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-Trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-Ewwel aggravju li jirrigwarda n-nuqqas tal-kompetenza tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-akkuzi kollha li ma jaqghux taht il-Kap.101 u l-irregolarita’ procedurali ghax ma saritx kumpilazzjoni u rinviji lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti bil-ligi b’ mod li dan qatt ma baghat lill-Ewwel Qorti l-artikoli li tahthom setghet tinstab htija kontra l-appellant, jigi osservat is-segwenti :-

Fid-29 ta’ Novembru, 2000, l-Ispettur Josric Mifsud hareg citazzjoni kontra l-appellant li kien gie mharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w akkuzah b’ diversi reati, l-ewwel wiehed taht il-Kap. 101 u l-ohrajn taht diversi artikoli tal-Kodici Kriminali (Kap.9) w taht l-Ordinanza Dwar il-Kontroll tat-Traffiku.(Kap.65). (fols. 1 u 2 tal-process). Jidher li mac-citazzjoni giet mehmuza l-Ordni tal-Avukat Generali mahruga bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-

Artikolu 22 tal-Kap.101, biex l-appellant jitressaq quddiem dik l-istess Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, (sottolinear ta' din il-Qorti) biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza. (fol.4). Din ic-citazzjoni giet debitament registrata fl-istess data bin-numru progressiv 294/00 mir-Registratur Frank Galea u assenjata lill-Qorti li kienet tisma' l-kawzi dwar id-drogi preseduta allura mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri (fol. 1). Jidher li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh quddiem l-imsemmi Magistrat ghat-8 ta' Frar, 2001 izda dak in-nhar l-imputat ma deherx u l-Qorti ordnat li l-process jigi rimess lir-Registratur tal-Qrati biex jigi assenjat bhala kompilazzjoni peress li l-izjed akkuza gravi hija t-tieni wahda. L-ghada 9 ta' Frar, 2001, ir-Registratur jidher li hassar l-ewwel registrazzjoni ttimbrata fuq imsemmija w rega' rregistra mill-gdid ic-citazzjoni bhala kumpilazzjoni numru 110/01 u din giet assenjata lill-Qorti preseduta mill-Magistrat Padovani Grima. Il-kawza giet appuntata mill-gdid ghas-26 ta' Frar, 2001 imma skond il-verbal a fol. 11 dak in-nhar il-kawza giet differita ghas-6 ta' Marzu, 2001 fuq talba tal-imputat. Meta l-appellant deher quddiem dik il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2001 u sarlu l-ezami skond l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali, gie verbalizzat *"inter alia"* fuq il-formola li solitu tintuza li l-appellant (1) **ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja** u li kien qed iwiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi . (emfasi tal-Qorti). Inoltre gie ukoll verbalizzat li wara li dik il-Qorti "staqsiet lill-ufficjal prosekutur jekk l-Avukat Generali kienx ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja**, l-ufficjal prosekutur wiegeb iva."** (emfasi tal-Qorti),(fol.12). Minn hawn il quddiem jidher li l-kawza tmexxiet bi procedura sommarja, ghalkemm saru hafna differimenti, sakemm eventwalment - kwazi erba (4) snin wara - giet deciza. Ovvjament ghalhekk qatt ma sar rinviju lill- u mill-Avukat Generali w dan lanqas qatt ma baghat l-artikoli li tahthom skondu setghet tinstab htija.

Issa skond l-artikolu 370 (4)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali, minkejja d-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-istess artikolu, jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkuzat huwa wiehed li ghalih hemm piena

ta’ prigunerija ghal zmien ta’ aktar minn sitt xhur izda mhux aktar minn erba snin, il-Qorti ghandha, waqt l-ezami ta’ l-akkuzat skond l-artikolu 392, izda qabel ma jigi ezaminat skond il-paragrafu (1)(b) tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja  w jekk l-akkuzat iwiegeb li m’ ghandux oggezzjoni ghal dan, il-Qorti ghandha tistaqsi lill-ufficjal prosekutur jekk l-Avukat Generali jkunx ta l-kunsens tieghu  bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u , jekk ma ssir ebda oggezzjoni, l-Qorti ghandha tinnota dan il-fatt fil-process **u malli taghmel hekk , il-Qorti tkun kompetenti li tittratta l-kaz tal-akkuzat** u ghandha tipprocedi skond hekk.

Illi jidher li din il-procedura hekk stabilita giet segwita mill-Ewwel Qorti. Del resto minn imkien ma jidher mehtieg taht xi piena ta’ nullita’ li l-kunsens bil-miktub tal-Avukat Generali fuq imsemmi ghandu jigi esebit u bizzejjed ghall-ligi li l-ufficjal prosekutur, meta hekk mistoqsi mill-Qorti, jwiegeb li hu ghandu tali kunsens. Ghalhekk il-fatt li l-kunsens ma giex esebit  wahdu zgur li ma jostax biex il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja, s’intendi, dejjem jekk l-akkuzi ghar-rigward tal-piena ma jkunux individwalment jeccedu l-piena massima ta’ erba snin prigunerija.

Illi pero’ l-appellant qed jilmenta proprju mil-fatt li t-tieni imputazzjoni ggib piena li tezorbita minn dawn il-parametri. Din l-imputazzjoni hija dik ta’ tentattiv ta’ ferita gravi fuq persuna nkarikata skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi. Issa skond l-artikolu 216, li hu l-artikolu citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata bhala dak li sabet htija tahtu, r-reat ta’ offiza gravi huwa punibbli bil-piena ta’ prigunerija minn tlitt xhur sa tlitt snin. Illi umbaghad skond l-artikolu 222 ( c ) tal-istess Kodici , l-piena kontemplata fl-artikolu 216 tizdied bi grad meta ssir fuq il-persuna ta’ ufficjal pubbliku jew inkarikat skond il-ligi minn servizz pubbliku meta r-reat ikun sar minhabba li dik il-persuna tkun ghamlet id-dmirijiet tal-karigi taghha. Ergo f’ dan il-kaz il-piena ghar-reat kunsmat kienet titla ghal minimu ta’ hames xhur sa massimu ta’ erba snin skond l-artikolu 31

(1) (b) tal-Kodici Kriminali. Imma siccome hawn si tratta <u>biss ta’ tentattiv</u> ta’ offiza gravi, skond l-artikolu 42, f’ kaz ta’ htija, l-piena trid tkun dik stabilita ghar-reat kunsmat imnaqqsa bi grad jew zewg gradi, i.e. f’ dan il-kaz b’ massimu ta’ tlitt snin jew sentejn, rispettivament . Ghalhekk f’ kull kaz il-piena massima ghat-tieni akkuza qatt ma kienet tista’ teccedi erba snin prigunerija w konsegwentement kien ghal kollox regolari u skond il-ligi dak li sar mill-Ewwel Qorti meta mexxiet il-kaz bi procedura sommarja bil-kunsens tal-istess appellant kif verbalizzat fl-ezami tieghu w bil-kunsens bil-miktub tal-Avukat Generali, kif dikjarat mill-ufficjal prosekutur fl-ewwel dehra quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi huwa minnu li kemm ilu li gie introdott is-subartikolu 4 tal-artikolu 370 jidher li l-prattika segwita mill-Qorti tal-Magistrati kienet li jigi esebit il-kunsens tal-Avukat Generali li jkun inghata bil-miktub biex il-kawza tinstema b’ mod sommarju, izda minnkejja din il-prattika salutari li allura ma thalli ebda dubju dwar jekk dan il-kunsens ikunx inghata jew le, fil-fehma ta’ din il-Qorti , ladarba l-ligi ma tghidx espressament li tali kunsens bil-miktub ghandu jigi esebit, il-fatt li ma jigix hekk esebit m’ghandux iwassal ghan-nullita’ tal-proceduri, kif qed jippretendi l-appellant. Il-ligi kull ma tghid hu testwalment :- *“…il-Qorti ghandha* ***tistaqsi*** *lill-ufficjal prosekutur jekk l-Avukat Generali jkunx ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja,* ***u jekk ma ssir ebda oggezzjoni*** *il-Qorti ghandha tinnota dan il-fatt fil-process u* ***malli taghmel hekk il-qorti tkun kompetenti li tittratta l-kaz ta’ l-akkuzat****….*” Imkien ma jintqal li dak il-kunsens irid bil-fors jigi esebit *ad validitatem*.

Illi f’ dan il-kaz il-mistoqsija saret u giet imwiegba mill-ufficjal prosekutur fl-affermattiv kif verbalizzat u gie verbalizzat ukoll li l-appellant ma kellux oggezzjoni li l-kaz jinstemgha bi procedura sommarja. Inoltre f’ dan il-kaz partikolari, una volta li kien l-istess Avukat Generali li kien ghamel l-ordni skond l-artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 biex il-kaz jinstemgha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) **bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminal**i (fol. 4) w mhux quddiem Qorti Istruttorja, meta kien jaf li, apparti l-akkuza

taht il-Kap. 101, kien hemm akkuzi ohra taht il-Kodici Kriminali u l-Kap.65, huwa altru milli ovvju li ried li tigi radikata l-kompetenza ta' dik il-Qorti bis-smiegh tal-kawza bi proceduri sommarji fir-rigward tal-akkuzi kollha w mhux dik biss li kienet taqa' taht il-Kap.101.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant huwa manifestament infondat u qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi dwar it-tieni aggravju, jidher li dwar l-ewwel imputazzjoni ta' pussess ta' eroina, gew citati ir-Regulation 4 u 6 ta' l-Ordinanza dwar Medicina Perikoluza tal-Kap. 101 (Sic!) u r-Regulation 8 tal-Government Notice 292 ta' l-1939 , kif emendat b' Kap.101 (Sic!) u l-artikolu 15 tal-Kap.66 (cioe' l-Arms Ordinance) fir-rigward tal-hames imputazzjoni ta' sewqan perikoluz , bi traskuragni u bi speed eccessiv. Ukoll ma giex citat l-artikolu 222 ( c ) tal-Kodici Kriminali li kien , kif intqal, jirrendi l-offiza gravi bhala wahda aggravata, meta mid-dicitura tal-akkuza kien ovvju li l-appellant kien qed jigi ukoll mixli b' din il-kwalifika w meta l-Ewwel Qorti sabitu hati ta' din l-akkuza kif redatta.

Illi huwa b' sens ta' frustrazzjoni kbira li din il-Qorti ser ikollha, ghall-darb' ohra, taghti s-sentenza li ssegwi, u cioe' li tannulla sentenza ta' l-Ewwel Qorti minhabba nuqqas ta' formalita' sostanzjali konsistenti filli jew ma jigux citati, jew mhux citati sew l-artikoli tal-ligi li tahthom tkun instabet htija jew addirittura jigu citati artikoli jew sahansitra Kapitoli tal-Ligijiet li m'ghandhom x' jaqsmu xejn, bi ksur ta' dak li jirrikjedi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Illi fl-ewwel lok, proprjament il-Kapitolu 101 ma fihx "Regulation/s" imma, bhala ligi principali, t-taqsimiet tieghu jissejhu artikoli. Ghalhekk jidher li hawn is-sentenza appellata hija zbaljata. Illi anki jekk wiehed b' certu tigbid jiehu r-riferenza ghar-Regulation 4 tal-Ordinanza bhala riferenza ghall-artikolu 4 tal-istess Ordinanza, jidher li dan zgur mhux applikabbli ghall-ewwel

imputazzjoni ghax din ma tirrigwardax ir-reat ta' min jikkoltiva l-peprin ta' l-oppju jew il-pjanta tal-koka, imma semplici pussess ta' eroina. Jekk umbaghad ir-riferenza ghar-regolament 6 tittiehed li ghandha tkun ghall-artikolu 6 (b) li jghid li jkun hati ta' reat taht l-Ordinanza kull min ikollu fil-pussess tieghu l-oppju preparat, allura dan ikun rilevanti. Pero' r-riferenza ghar-Regulation 8 tal-Avviz tal-Gvern numru 292 ta' l-1939 ukoll tidher li hija zbaljata, ghax dar-regolament jirriferi biss ghal dokumenti ta' kontroll li jridu jzommu jew johorgu tobba w spizjara.

Illi inoltre hu ovvju ukoll li l-Artikolu 15 tal-Kap.66 gie ccitat bi zball ghax proprjament ried jigi citat l-artikolu 15 tal-Kap. 65 u cioe' tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku. B'rizultat ta' dan l-izball, dan l-artikolu ma giex citat minkejja li l-Ewwel Qorti sabet htija skond il-hames imputazzjoni.

Fit-tielet lok ghalkemm l-Ewwel Qorti sabet htija taht it-tieni imputazzjoni li suppost hija wahda li taqa' taht l-artikolu 216 biz-zieda tal-kwalifika kontemplata fl-art. 222 ( c ), dan l-ahhar artikolu ma ssemmiex fis-sentenza appellata.

Issa kif dejjem gie ritenut meta l-artikoli citati fis-sentenza appellata jkunu zbaljati jew inkella ma jigux citati l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li tahthom tkun instabet htija, dan igib in-nullita tas-sentenza . (ara.App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**" [ 28.5.1987]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**" [26.5.1994], **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"** [10.6.1994] u ohrajn.) . Ghalhekk dan l-aggravju jidher ben fondat u qed jigi milqugh.

Illi peress li l-Ewwel Qorti pero' lliberat lill-appellant mill-addebitu (mhux akkuza) li kkommetta r-reati l-ohra waqt il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza , s' intendi din il-parti tas-sentenza ma tigix annullata in forza ta' dak li gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** ([23.6.1995] per V. De Gaetano J.). Dan ghaliex kif gie hemm ritenut li tali thassir japplika biss ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ikun instab hati ghax l-artikolu

382 tal-Kodici Kriminali jezigi li tigi indikata d-dispozizzjoni tal-ligi biss fejn tkun qed tinstab htija u mhux ukoll f’ kaz ta’ liberazzjoni u ghaliex kieku kien mod iehor , ikun qieghed indirettament jigi estiz id-dritt ta’ appell ta’ l-Avukat Generali bi ksur ta’ l-artikolu 413.

Ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata in kwantu sabet htija fl-appellant tal-ewwel hames akkuzi billi kif intqal inkisret jew ma saritx formalita’ li trid il-ligi taht piena ta’ nullita’.

In vista ta’ din id-decizjoni , l-Qorti issa ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu kif ghandha taghmel skond l-artikolu 428 (3) tal-Kap.9 .

Illi dwar l-ewwel, ir-raba w l-hames imputazzjonijiet din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddilunga zzejjed. Bizzejjed li wiehed itenni li fir-rikors tal-appell, l-appellant qed jitlob *in subsidium* li din il-Qorti, jekk ma tirrimandax il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, tikkonferma l-istess sentenza ghar-rigward tas-sejbien ta’ htija ta’ dawn it-tlitt imputazzjonijiet. Dan ma jistax jigi interpretat hlief li l-appellant qed jammetti l-istess tlitt akkuzi .

Illi pero’ l-kontestazzjoni principali tirrivolvi dwar it-tieni imputazzjoni ta’ tentattiv ta’ ferita gravi w l-akkuza ta’ ferita ta’ natura hafifa volontarja skond it-tielet imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti regghet ezaminat bir-reqqa id-depozizzjonijiet taz-zewg membri tal-Korp tal-Pulizija involuti fl-incident u l-versjoni moghtija mill-appellant kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti.

Mid-depozizzjoni ta’ **PC 543 Francis Farrugia** jirrizulta li meta PC 1408 Christopher Agius mar fuq l-appellant li kien ipparkjat go car Lada Samara hamra fi sqaq, l-appellant saq fid-direzzjoni ta’ PC Agius u tajjru ghal mall-hajt. PC Agius kien qallu “*Ha tweggani*.” Meta hu ra hekk ghajjat lill-appellant biex jieqaf ghal darba, tnejn u anki

hareg il-pistola u spara “warning shot”. L-appellant ma tax kashom u baqa’ sejjer. Hu gera warajh u darba minnhom l-appellant dahal gol-hajt u hu pprova jaqlaghlu c-cavetta mill-ignition izda l-appellant saq bih b’ kollox u baqa’ sejjer.

**PC 1408 Christopher Agius** umbaghad xehed li hu w siehbu PC Farrugia kienu dahlu bil-mixi go sqaq fuq zewg karozzi. Siehbu mar fuq tal-Escort u hu mar fuq tal-Lada w affaccjah hu personalment u qallu l-kelma “PULIZIJA.” L-appellant startja l-karozza, lewa l-steering ghal fuqu mill-ewwel u saq. Hu dak il-hin kien qallu : “X’ ser taghmel?” L-appellant inhasad mill-ewwel, startja w ma kellmux izjed . Saq mill-ewwel u qabad u rriversja “gas down” u hu qabad mall-bieba tal-appellant biex forsi jaqlaghlu c-cavetta. Hu gera madwar erba piedi jew hamsa mieghu w umbaghad l-isqaq djaq aktar u lilu l-appellant ghaffgu mall-hajt, tant li tefghu mall-art u baqa’ jsuq. Kien dak il-hin li PC Farrugia, x’ hin ra hekk, hareg l-arma w ta *warning shot* fl-ajru.

**L-appellant** , fl-istqarrija tieghu (fols. 5 u 6) dwar l-incident qal hekk : *“Kif kont qieghed hemm gew xi Pulizija u kif rajthom jien ippanikjajt u soqt ‘l hemm….. Nghid ukoll illi jien u nsuq ‘l hemm il-Pulizija sparaw diversi tiri bil-pistola fid-direzzjoni tieghi. Mistoqsi kemm il-darba sparaw fuqi nghid illi kienu aktar minn erba tiri. Bin habba f’ hekk jien ma waqaftx, meta rajthom hemm u ghamilt il-hsara gol-karozza tieghi, ghax jien hrabt meta smajt it-tiri.”*

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti (Fol. 68 et seq.) l-appellant qal li kien qed jiehu d-droga fis-seat tax-xufier u kif waslu mieghu il-Pulizija wiehed minnhom mar kellmu u hu sema’ diversi tiri fid-direzzjoni tal-isqaq u hu qabad it-triq u saq . Il-Pulizija kienu bl-uniformi w dak il-hin hasduh . Umbaghad gharafhom iva li kienu Pulizija. It-tiri kienu fid-direzzjoni tieghu, infatti s-saqaf tal-karoza milqut. Hu irriversja u telaq. Il-Pulizija kienu fuq in-naha l-ohra warajh. Ma jidhirlux li laqtu lill-Pulizija ghax dan kien mall-gemb tal-karozza tan-naha tieghu waqt li hu qed jirriversja. Ma tajjrux apposta.

Fil-kontro-ezami l-appellant qal li t-tiri semghahhom hu w jsuq. Mistoqsi fuq l-allegazzjoni li kien ghamel fl-istqarrija tieghu meta qal li s-saqaf tal-car tieghu kien milqut, qal li ma jiftakarx b’ dan. Muri r-ritratti tas-saqaf tal-car tieghu w mistoqsi kif allura gie milqut is-saqaf, wiegeb li ghax ra lill-Pulizija jispara minn quddiemu w dak il-hin kien wieqaf meta sparaw it-tiri w hu saq. Hu kien ser jahrab pero’ ippanikja w ma jafx xi gralu. Mistoqsi jekk waqt li kien qed jitlaq minn fuq il-post, kienx habat bil-car ma xi hajt, qal li jidhirlu li laqatha naqra mac-cint ma quddiem, pero’ nesa liema naha. Zieda jghid li laqatha fil-gemb, quddiem imma fil-gemb. Pressat qal la jaf quddiem u lanqas wara. Il-car kellha hsarat qabel. Muri ritratt li kienu juru t-trab fuq il-*handle* qal li din kienet hsara li saret gol-barriera. Mistoqsi jekk veru sparaw fid-direzzjoni tieghu il-Pulizija, il-bullets kienux itaqqbu s-saqaf, baqa’ jinsisti li fid-direzzjoni tieghu kienu sparaw il-Pulizija.

Illi mir-ritratti esebiti jidher li l-Lada involuta fl-incident kellha xi grif fuq il-gemb xellugi w kien hemm  marki friski ta’ hakk ma xi gebel fuq il-pumijiet tal-bibien u l-mudguard ta’ wara tal-istess naha. Kien hemm ukoll il-hgieg tas-*side mirror* tax-xellug nieqes. Kien hemm ukoll xi grif hdejn il-mudguard tal-lemin ta’ quddiem u xi ghafsa zghira fuq il-quddiem tas-saqaf . Ma jidhru ebda toqob ta’ bullets.

Ikkonsidrat;

Illi mill-assjem tal-provi jidher assodat li fl-isforz tieghu biex jahrab minn fuq il-post fejn kien qed jiehu d-droga, l-appellant irriversja bil-qawwa meta kien jaf li mall-gemb tal-karozza tieghu w lura minnu kien hemm membru tal-korp tal-pulizija li seta’ jintlaqat u fil-fatt jidher li ntlaqat ghalkemm fortunatament b’ konsegwenzi hfief. Illi ma hemmx kwistjoni li dan kien jikkostitwixxi sewqan b’ manjiera perikoluza w di fatti din l-imputazzjoni mhux kontestata mill-appellant .

Illi pero’ l-akkuza tmur oltre minn hekk u tippostula li dak li sar kien sar intenzjonalment u bl-intenzjoni li tigi kagjonata offiza ta’ natura gravi fuq PC 1408 Christopher Agius. Illi din il-Qorti ma tatix affidabilita’ lil versjoni tal-appellant li

hu saq kif saq ghax gew sparati t-tiri mill-Pulizija l-iehor . Jidher li s-sewqan hazin sar appena hu gie affaccjat minn PC Agius u kien biss wara li saq kif saq li gie sparat jew gew sparati l-*"warning shot*" jew "*shots".* Ghalhekk l-appellant zgur li ma jista' jidderiva ebda skriminanti jew attenwanti mic-cirkostanza tal-isparatura jew sparaturi.

Tibqa' pero il-*vexata questio* jekk bl-agir tieghu l-appellant kienx pprova deliberatament jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-kuntistabbli liema reat ma sarx minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu. L-appellant jichad li kellu din l-intenzjoni. Illi hu pacifiku li l-intenzjoni f' kazijiet bhal dawn tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi, izda, fejn dawn ic-cirkostanzi ma jkunux univoci w jkun hemm id-dubju dettat mir-raguni dwar il-vera intenzjoni tal-akkuzat, dan id-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat. Fil-kaz in ezami una volta li l-Pulizija kien mall-gemb tal-car kif jghid hu stess jista' jindika li l-appellant ma kellux l-intenzjoni li jtajjru izda biss li jizgicca minn mgembu. B'dana kollu anki jekk ma kellux l-intenzjoni li jikkagunalu offiza ta' natura gravi, seta' u kellu jipprevedi li bis-sewqan tieghu ser jaghmillu xi hsara u f' kaz ta' intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara fuq il-gisem, il-principju regolatur hu li "*dolus indeterminatus determinatur ab exitu*."

Ghalhekk, wara li rriflettiet fit-tul dwar il-provi, din il-Qorti tara li hemm dubju dettat mir-raguni jekk tirrizultax t-tieni akkuza w dan id-dubju ghandu jmur favur l-appellant. Pero' indubbjament tirrizulta it-tielet imputazzjoni. Din kwistjoni ta' fatt li trid tigi gudikata mill-Qorti w ma hemmx ghalfejn jiddeponu tobba dwarha necessarjament. Il-Qorti hija sodisfatta li bil-waqa' ta' PC Agius wara li ghaffgu mall-hajt, hu sofra feriti ta' natura hafifa li minhabba fihom spicca l-polyclinic u aktar tard l-isptar ghall-aktar accertamenti. Wara kollox gie ritenut li offiza ta' natura hafifa tista' anki tikkonsisti f' qatgha biss.

Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qieset il-fedina penali aggornata tal-appellant li minnha jidher li diga nstab hati tlitt darbiet mill-Qrati ta' pussess ta' eroina (darbtejn) u kokajina (darba) u darba gie sentenzjat ghall-ghoxrin jum

habs. Inoltre, barra minn reati ohra tat-traffiku, kien ukoll instab hati f' okkazzjoni ohra li hedded Pulizija waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti trid u thoss ukoll li ghandha taghmilha cara li ma tistax tittollera bl-ebda mod li ufficjali tal-Pulizija, waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom, jigu mwegga' b' impunita', qiesu ma gara' xejn, u hija tal-fehma li kull reat ta' din ix-xorta ghandu jigi trattat mill-Qrati b' piena effettiva immedjeta w adegwata - anki dik restrittiva tal-liberta' - ghaliex il-kustodji tal-ligi ghandhom isibu il-protezzjoni tal-Qrati fl-ezekuzzjoni tax-xoghol difficli w skabruz taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell kif gej. Fl-ewwel lok qed tannulla s-sentenza appellata minhabba difett procedurali w nuqqas ta' formalita' sostanzjali fil-parti fejn sabet htija tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba w l-hames imputazzjoni, izda mhux fejn illiberat lill-appellant mill-addebitu li kkommetta reati waqt il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza . Fit-tieni lok qed tiddeciedi l-mertu mill-gdid billi issib lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet , tar-raba u tal-hames imputazzjoni (b' dan li r-reat ta' sewqan perikoluz jassorbixxi dak ta' sewqan b' manjiera traskurata w dak ta' sewqan bi speed eccessiv imsemmija fl-istess imputazzjoni) w ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah u, wara li rat l-artikoli 221, 222 (1) ( c ), 338 (ee) u 17(b) u (d) tal-Kap. 9 , l-artikolu 15 (1)(a) u (2) tal-Kap.65 u l-artikolu 6 (1) (b) u 22(1) (a) (2)(b) (ii) tal-Kap. 101, tikkundanna lill-appellant ghal piena komplessiva ta' sena u tlitt xhur prigunerija w tordna l-iskwalifika tieghu mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-periodu ta' tlitt (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------